

32002R1983

L 306/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.11.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1983/2002**tas-7 ta' Novembru 2002****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2848/98 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tal-programm ta' xiri lura fis-settur tat-tabakk mhux maħdum**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux maħdum⁽¹⁾, hekk kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 546/2002⁽²⁾, u b'mod partkolari l-Artikoli 14 u 14a tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar it-tfassil ta' regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward ta' l-iskema ta' premji, il-kwoti ta' produzzjoni, u l-għajnuna speċifika li tingħata lil gruppi ta' produttori fis-settur tat-tabakk mhux maħdum⁽³⁾, kif l-aħħar emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1501/2002⁽⁴⁾, li jiffissa l-ammonti li għalihom il-produtturi kienu ntitolati li l-kwoti tagħhom kienu mixtrija taħt il-programm ta' xiri lura matul l-1999, 2000, 2001 u l-ħsad ta' wara.
- (2) Minħabba li l-miżura daħlet fis-seħħ għall-ħsad ta' l-1999, kwantitajiet żgħar biss inxtraw lura f'kull grupp ta' varjetajiet. Skond ir-regoli kurrenti għal dan l-arranġament ma kienx possibli illi jintlaħqu l-għanijiet ippjanti għar-razzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni, minħabba li l-produtturi baqgħu jiffaċċjaw diffikultatijiet kbar fil-bejgħ tal-produzzjoni tagħhom ta' ċerti gruppi ta' varjetajiet ta' tabakk, li għalihom jistgħu jgħibu biss prezzijiet baxxi ħafna.
- (3) Għalhekk, sabiex l-arranġamenti jsiru aktar attraenti, il-prezzijiet tax-xiri lura għandhom jiżdiedu b'mod konsiderevoli għall-gruppi III u V u inqas għall-gruppi l-oħra, sa mill-ħsad ta' l-2002, u l-perijodu li matulu jitħallas il-prezz tax-xiri lura għadu jkun estiż.
- (4) Flimkien ma' dan, l-Istati Membri produttori għandhom ikunu mitluba li jagħmlu l-kondizzjonijiet tax-xiri lura magħrufa għall-pubbliku b'mod estensiv, u għandu jiġi stabbilit limitu ta' ħin għall-ħlas tal-prezz ta' xiri lura lill-produtturi.
- (5) Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jkabbru t-tabakk għandhom kwoti ta' produzzjoni żgħar ħafna li l-vijabilita' ekonomika tagħhom hija dubjuża, speċjalment fil-każ ta' tipi ta' tabakk li jinbiegħu bi prezzijiet baxxi ħafna. Il-programm għandu jsir aktar attraenti għall-produtturi ż-

żgħar billi jiġu modulati l-prezzijiet tax-xiri lura skond id-daqs tal-kwota ta' produzzjoni sabiex jiġu megħjuna ibiddlu l-produzzjoni.

- (6) Sabiex il-produtturi interessati fil-bejgħ tal-kwoti tagħhom għall-ħsad tal-2002 jkollhom biżżejjed ħin sabiex iħallu dan is-settur, id-data finali għax-xandir tad-deċizzjoni finali tagħhom għandha tkun differita għall-ħsad tal-2002.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 2848/98 għaldaqstant għandhu jkun emendat.
- (8) Il-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2848/98 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 36 jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 36

1. Il-produtturi li l-kwoti tagħhom ikunu nxtraw lura matul il-ħsad tal-1999 u l-2000 għandhom ikunu intitolati li jirċievu l-ammonti li jidhru fl-Anness VII(A) kull sena meta l-premji jkunu tħallsu għat-tliet ħsad ta' wara dak fejn il-kwoti tagħhom ikunu inxtraw lura.

Il-produtturi li l-kwoti tagħhom kienu nxtraw lura fl-2001 huma intitolati, meta l-ħlasijiet isiru għat-tliet ħsad ta' wara dak fejn ikunu nxtraw lura l-kwoti, li jirċievu għal kull sena ammont daqs il-persentaġġ tal-premju kif issir referenza għalih fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92, applikabbli għat-tabakk mhux maħdum prodott matul is-sena ta' ħsad konċernata. Il-persentaġġi rilevanti jinsabu fit-tabella ta' l-Anness VII(B).

Bla preġudizzju għal xi emendi futuri, l-produtturi li l-kwoti tagħhom jinxtraw lura matul il-ħsad tal-2002 u l-2003 huma intitolati li jirċievu ammont daqs il-persentaġġ tal-premju kif jidher fit-tabelli tal-Anness VII(C) għal kull waħda mill-ħames snin ta' ħsad ta' wara dik fejn il-kwota tagħhom tkun inxtrat lura. Dawn l-ammonti għandhom jitħallsu qabel il-31 ta' Mejju ta' kull sena.

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1, il-produtturi li l-kwoti tagħhom jinxtraw lura matul il-hsadiet tal-2001 u 2002 u li żammew dawn il-kwoti sa mill-hsadiet tal-2001 u 2002 biss, rispettivament, għandhom ikunu ntitolati illi jirċievu l-istess ammonti bħal tal-hsada tal-1999 għat-tliet hasdjet sussegwenti.

⁽¹⁾ ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 358, tal-31.12.1998, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 227, tat-23.8.2002, p. 16.

3. L-Istati Membri għandhom jirreklamaw it-termini tal-kwota ta' xiri lura.”
2. Il-paragrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 55:
“3. Għall-ħsad ta' l-2002, bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 35, id-data finali ta' l-1 ta' Novembru 2002 fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun estiża sa l-1 ta' Diċembru 2002, u l-perjodu ta' xahrejn fil-paragrafu 3 għandu jitnaqqas għal xahar.”

3. L-Anness ma' dan ir-Regolament għandu jżidded bħala l-Anness VII.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

"L-ANNEX VII

A. Ix-xiri lura skond il-kwota għall-ħsad ta' l-1999 u ta' l-2000

- Il-kwoti tal-grupp I	EUR 0,67741/kg
- Il-kwoti tal-grupp II	EUR 0,54187/kg
- Il-kwoti tal-grupp III	EUR 0,54187/kg
- Il-kwoti tal-grupp IV	EUR 0,59591/kg
- Il-kwoti tal-grupp V	EUR 0,54187/kg
- Il-kwoti tal-grupp VI	EUR 0,93854/kg
- Il-kwoti tal-grupp VII	EUR 0,79635/kg
- Il-kwoti tal-grupp VIII	EUR 0,56904/kg

B. Ix-xiri lura skond il-kwota għall-ħsad ta' l-2001

Grupp ta' varjetajiet	Sena		
	L-ewwel	It-tieni	It-tielet
Il-Kwoti tal-grupp I	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp II	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp III	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp IV	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp V	75 %	75 %	50 %
Il-Kwoti tal-grupp VI	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp VII	25 %	25 %	25 %
Il-Kwoti tal-grupp VIII	25 %	25 %	25 %

C. Ix-xiri lura skond il-kwota għall-ħsad ta' l- 2002 u ta' l-2003

Il-produtturi bi kwota ta' produzzjoni ta' inqas minn 10 tunnelli metriċi					
Grupp ta' varjetajiet	Sena				
	L-ewwel	It-tieni	It-tielet	Ir-raba'	L-hames
Il-kwoti tal-grupp I	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp II	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp III					
- ħsad ta' l-2002	40 %	40 %	25 %	25 %	20 %
- ħsad ta' l-2003	75 %	75 %	50 %	25 %	25 %
Il-kwoti tal-grupp IV	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp V	100 %	100 %	75 %	50 %	50 %
Il-kwoti tal-grupp VI	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VII	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VIII	25 %	25 %	25 %	15 %	10 %

Il-produtturi bi kwota ta' produzzjoni ta' 10 tunnelli metriċi jew aktar sa 40 tunnelli metriċi

Grupp ta' varjetajiet	Sena				
	L-ewwel	It-tieni	It-tielet	Ir-raba'	L-hames
Il-kwoti tal-grupp I	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp II	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp III					
– ħsad ta' l-2002	35 %	35 %	20 %	20 %	20 %
– ħsad ta' l-2003	75 %	50 %	40 %	20 %	20 %
Il-kwoti tal-grupp IV	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp V	90 %	90 %	50 %	50 %	50 %
Il-kwoti tal-grupp VI	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VII	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VIII	25 %	25 %	20 %	10 %	10 %

Il-produtturi bi kwota ta' produzzjoni ta' 40 tunnelli metriċi jew aktar

Grupp ta' varjetajiet	Sena				
	L-ewwel	It-tieni	It-tielet	Ir-raba'	L-hames
Il-kwoti tal-grupp I	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp II	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp III					
– ħsad ta' l-2002	30 %	30 %	20 %	15 %	15 %
– ħsad ta' l-2003	65 %	65 %	20 %	20 %	20 %
Il-kwoti tal-grupp IV	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp V	75 %	75 %	40 %	40 %	40 %
Il-kwoti tal-grupp VI	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VII	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %
Il-kwoti tal-grupp VIII	20 %	20 %	20 %	10 %	10 %